

P8\_TA(2018)0376

## L-Emirati Għarab Magħquda, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem, Ahmed Mansoor

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2018 dwar l-Emirati Għarab Magħquda, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Ahmed Mansoor (2018/2862(RSP))

(2020/C 11/05)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, inkluża dik tas-26 ta' Ottubru 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Emirati Għarab Magħquda <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tas-Sottokomitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-4 ta' Ġunju 2018, li fiha kkundanna s-sentenza ta' 10 snin ħabs mogħtija lil Ahmed Mansoor,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 30 tal-Kostituzzjoni tal-Emirati Għarab Magħquda (EGħM),
  - wara li kkunsidra l-Karta Għarbija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li l-EGħM huma parti fiha,
  - wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija,
  - wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-2004, kif aġġornati fl-2008,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Esperti tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-12 ta' Ġunju 2018, li fiha talbu l-ħelsien immedjat tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Ahmed Mansoor mill-ħabs,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-18 ta' Lulju 2016 maħruġa mill-Kopresidenti tal-25 sessjoni tal-Kunsill Konġunt u l-Laqqgħa Ministerjali tal-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni għall-Istati Għarab tal-Golf fi Brussell,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi (ICCPR), li l-EGħM huma parti fihom,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi Ahmed Mansoor ġie arrestat mill-uffiċjali tas-sigurtà tal-EGħM f'Marzu 2017; billi Mansoor huwa attivista prominenti tad-drittijiet tal-bniedem u fl-2015 rebaħ il-Premju Martin Ennals għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem; billi huwa jaf kien l-aħħar difensur tad-drittijiet tal-bniedem fl-EGħM li kien irnexxieli jikkritika lill-awtoritajiet pubbliċament;
- B. billi, fi stqarrija maħruġa fid-29 ta' Marzu 2017, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-EGħM spjega li "l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku għar-Reati Elettroniċi ordna l-arrest tas-Sur Ahmed Mansoor, akkużat li xerred informazzjoni falza u qarrieqa fuq l-Internet b'aġenda mmirata għat-tixrid tal-antipatija u s-settarjaniżmu"; billi din u stqarriji uffiċjali oħra tal-awtoritajiet tal-EGħM jindikaw li l-unika raġuni għall-arrest, il-proċess u l-kundanna fil-konfront tiegħu kien il-kontenut ta' dak li esprima online, u l-akkużi kontra tiegħu huma bbażati fuq l-allegat ksur tal-liġi repressiva dwar iċ-ċiberkriminalità adottata mill-EGħM fl-2012, li permezz tagħha l-awtoritajiet tal-EGħM jistgħu jsikkaw lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u li tipprevedi sentenzi ta' ħabs twal u pieni finanzjarji ħorox għall-individwi li jikkritikaw lill-mexxejja tal-pajjiż;
- C. billi l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem wasal għall-konklużjoni li l-arrest u l-kustodja sigrieta ta' Ahmed Mansoor jistgħu jkunu att ta' tpattija għall-kollaborazzjoni tiegħu mal-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU u għall-fehmiet li esprima fuq il-midja soċjali, inkluż fuq Twitter, kif ukoll talli kien membru attiv ta' organizzazzjonijiet bħaċ-Ċentru tal-Golf għad-Drittijiet tal-Bniedem;

(<sup>1</sup>) ĠU C 72 E, 11.3.2014, p. 40.

**Il-Ħamis 4 ta' Ottubru 2018**

- D. billi grupp ta' esperti tan-NU fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem talab lill-Gvern tal-EGħM jeħles lil Mansoor mill-ħabs, u ddeskriva l-arrest tiegħu bħala attakk dirett fuq il-ħidma leġittima tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-EGħM;
- E. billi, fid-29 ta' Meju 2018, Ahmed Mansoor ingħata sentenza ta' 10 snin ħabs talli, wara proċess ġudizzjarju inġust għall-aħħar f'Abu Dhabi, eżerċita d-dritt tiegħu għal-libertà tal-kelma permezz ta' Twitter; billi ngħata wkoll multa ta' miljun dirham tal-EGħM (EUR 2 32 475) u tqiegħed taħt sorveljanza għal tliet snin wara li jinħeles; billi Mansoor appella s-sentenza, iżda ż-żmien li jieħu l-proċess tal-appell għadu mhux ċar;
- F. billi xi rapporti jgħidu li, mindu ġie arrestat f'Marzu 2017, Mansoor ma tħalla jagħmel l-ebda forma ta' kuntatt mal-familja tiegħu, u martu ngħatat l-oportunità żżuru erba' darbiet biss minn dak inhar; billi xi rapporti jgħidu li, mindu ġie arrestat, baqa' jinżamm f'iżolament u, allegatament, ġie ttorturat; billi, skont l-awtoritajiet tal-EGħM, qed jinżamm fil-ħabs ta' Al Sadr f'Abu Dhabi;
- G. billi jidher li Mansoor ma tħalliex iqabba avukat indipendenti tal-għażla tiegħu minkejja li l-gvern qal li jista' jagħmel hekk; billi l-assistenza ta' avukat hija wieħed mid-drittijiet bażiċi ta' kull persuna arrestata, kif stipulat fl-Artikolu 16 tal-Karta Għar-bja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ratifikata mill-EGħM;
- H. billi Ahmed Mansoor ilu jiġi intimidat u ppersegwitat mill-awtoritajiet tal-EGħM għal aktar minn sitt snin u kemm-il darba kellu jħabbat wiċċu ma' attakki fuq persuntu, theddid fuq ħajtu u sorveljanza fiżika u elettronika; billi, wara seba' xhur ta' arrest preventiv, ġie kkundannat tliet snin ħabs talli fl-2011 "insulta lill-uffiċjali" fi proċess ġudizzjarju meġjus inġust; billi wara tmien xhur ingħata maħfra presidenzjali u nħeles, iżda l-awtoritajiet qatt ma tawh lura l-passaport u b'hekk imponewlu divjet *de facto* fuq l-ivvjaġġar;
- I. billi, qabel ġie arrestat, Mansoor kien fost il-133 persuna li ffirmaw petizzjoni biex jiġu organizzati elezzjonijiet universali u diretti fl-EGħM u biex il-Kunsill Nazzjonali Federali, bord konsultattiv tal-gvern, jingħata poteri leġiżlattivi; billi Mansoor kien ukoll jamministra l-forum online Al-Hiwar al-Emarati, li kien jikkritika l-politika u l-mexxejja tal-gvern tal-EGħM; billi Mansoor huwa membru tal-Kumitat Konsultattiv għal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq tal-Human Rights Watch u huwa involut attivament fil-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU;
- J. billi r-residenti tal-EGħM li tkellmu dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem qegħdin f'riskju serju ta' arrest arbitrarju, priġunerija u tortura; billi t-trażżin tal-attiviżmu paċifiku favur riforma kostituzzjonali u b'rabta ma' kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem għadu għaddej; billi l-attakki fuq il-membri tas-soċjetà ċivili, inklużi l-isforzi biex l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, l-avukati u oħrajn jissikktu, jintefgħu l-ħabs u jingħataw fastidju saru dejjem aktar komuni f'dawn l-aħħar snin;
- K. billi, wara ż-żjara tagħha fl-EGħM fl-2014, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-Indipendenza tal-Imħallfin u l-Avukati qalet li l-avukati li jaħdmu fuq kawżi relatati mas-sigurtà tal-istat "ġew intimidati, mhedda u saritilhom pressjoni"; billi hija kkundannat il-fatt li "s-sistema ġudizzjarja għadha *de facto* taħt il-kontroll tal-fergħa eżekuttiva tal-gvern";
- L. billi ħarġet evidenza li xi Stati Membri tal-UE approvaw l-esportazzjoni ta' diversi teknoloġiji ta' ċibersorveljanza lejn pajjiżi li għandhom storja diżastruża fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom l-EGħM;
- M. billi fl-EGħM għadha tingħata l-piena tal-mewt; billi bħalissa hemm mill-inqas 19-il persuna li nqatgħetlhom għall-mewt, u fl-2017 saret eżekuzzjoni waħda;
1. Jikkundanna bil-qawwa kollha l-intimidazzjoni, il-persekuzzjoni u l-arrest ta' Ahmed Mansoor u tad-difensuri l-oħra tad-drittijiet tal-bniedem sempliċement għax jaħdmu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u għax jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jesprimu ruħhom kemm online u kemm offline; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-EGħM jinvestigaw b'mod imparzjali u fil-fond l-attakki kontra l-atturi tas-soċjetà ċivili sabiex min wettaqhom jitressaq quddiem il-ġustizzja;
  2. Jistieden lill-awtoritajiet jeħilsu lil Ahmed Mansoor immedjatament u bla kundizzjonijiet, u jwaqqgħu l-akkużi kollha miġjuba kontrih, għaliex qed jinżamm il-ħabs sempliċement minħabba t-twemmin tiegħu u talli eżerċita paċifikament id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, inkluż permezz tal-ħidma tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jappella wkoll biex il-priġunieri kollha li qegħdin il-ħabs fl-EGħM minħabba t-twemmin tagħhom jinhelesu immedjatament u bla kundizzjonijiet, u li jitwaqqgħu l-akkużi kollha miġjuba kontrihom;

## Il-Ħamis 4 ta' Ottubru 2018

3. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar rapporti li Ahmed Mansoor ġie ttorturat jew maltrattat fil-ħabs, u li qed jinżamm f'iżolament; ihegġegħ lill-awtoritajiet jinvestigaw dawn l-allegazzjonijiet u jagħtuh aċċess immedjat u regolari għal avukat, għal familju u għal kwalunkwe kura medika li jista' jkollu b'żonn; ifakkar lill-awtoritajiet tal-EGħM li, skont id-dritt internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-iżolament indefinit u fit-tul jista' jikkostitwixxi forma ta' tortura jew trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor, u li n-nuqqas ta' mandat ta' arrest jew kwalunkwe superviżjoni ġudizzjarja fl-arrest u l-kustodja tiegħu jirrappreżenta ksur tal-prinċipji fundamentali tal-proċess ġust skont id-dritt internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;
4. Jistieden lill-awtoritajiet tal-EGħM jaraw li l-priġunieri li jkunu tqiesu li kisru l-liġi jgħaddu minn proċess ġust u jiġu pproċessati liberament u ġustament skont l-istandards internazzjonali;
5. Jistieden lill-EGħM jirrevedu l-liġi federali dwar il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità sabiex jagħmluha konformi mal-istandards internazzjonali b'rabta mad-dritt ta' kull persuna li tfitex, tirċievi, ixxerred u taqşam informazzjoni u ideat ma' ħaddieħor, id-dritt għal-libertà tal-opinjoni, tal-espressjoni u tal-informazzjoni, l-aċċess għall-internet u d-dritt għall-privatezza; ihegġegħ lill-awtoritajiet tal-EGħM jemendaw il-liġi dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-liġi tal-2012 dwar iċ-ċiberkriminalità u l-Liġi Federali Nru 2/2008, li kemm-il darba ntużaw biex jittieħdu passi kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;
6. Jistieden lill-awtoritajiet tal-EGħM jwaqqfu kull forma ta' intimidazzjoni kontra l-individwi u jneħħu immedjatament id-divjet fuq l-ivvjaġġar fil-konfront tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u jinsisti li jiggarrantixxu li, f'kull ċirkustanza, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-EGħM jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet leġittimi tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, kemm barra u kemm ġewwa l-pajjiżi, mingħajr biża' ta' tpattija;
7. Jappella għal divjet mal-UE kollha fuq l-esportazzjoni, il-bejgħ, l-aġġornament u l-manutenzjoni ta' kwalunkwe forma ta' apparat tas-sigurtà li jintuża jew jista' jintuża għar-repressjoni interna fl-EGħM, inkluża t-teknoloġija ta' sorveljanza tal-internet; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-użu dejjem akbar ta' ċerti teknoloġiji ta' ċibersorveljanza b'użu doppju fil-konfront tal-attivisti u l-ġurnalisti; jilqa', f'dan ir-rigward, l-isforzi kontinwi tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jiġi aġġornat ir-regolament dwar il-kontroll tal-esportazzjoni ta' prodotti b'użu doppju;
8. Jesprimi tħassib dwar l-għadd dejjem akbar ta' individwi li qed jiġu kkastigati talli jikkollaboraw man-NU u mal-korpi differenti tagħha; ihegġegħ lill-awtoritajiet tal-EGħM ma jibqgħux ifixklu u jintimidaw lill-individwi involuti fid-diversi mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU; ihegġegħ lill-awtoritajiet, barra minn hekk, iħallu lill-esperti tan-NU, lill-NGOs internazzjonali jew lill-uffiċjali tal-UE jżuru lil Ahmed Mansoor;
9. Jappella għal aktar libertajiet fl-EGħM; jissottolinja li huwa importanti li l-EgħM jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom skont id-dritt tad-drittijiet tal-bniedem, u jhegġegħ lill-awtoritajiet jaraw li l-libertà tal-kelma, tal-ħsieb u tal-espressjoni taċ-ċittadini kollha tal-EGħM tkun imħarsa kemm online u kemm offline, u li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet kollha tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 6(a) u 12(2); jenfasizza li dawn il-libertajiet huma ggarantiti mhux biss mill-istrumenti universali tad-drittijiet tal-bniedem, iżda anke mill-Karta Għarbija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li l-EGħM huma parti fiha;
10. Jistieden lill-EGħM jikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li "jirrispettaw l-ogħla standards fil-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem" billi jirratifikaw l-ICCPR u l-protokoll fakultattivi tiegħu u billi joħorġu stedina permanenti li tippermetti żjarat min-naħa tad-detenturi tal-mandat tal-proċeduri speċjali tan-NU;
11. Jistieden lill-VP/RGħ, kif ukoll lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, jieħdu pożizzjoni pubblika b'saħħitha dwar dan il-ksur flagranti tad-drittijiet tal-bniedem, anke billi jitolbu l-ħelsien ta' Ahmed Mansoor f'kull kuntatt li jkollhom mal-awtoritajiet tal-EGħM; ihegġegħ lid-Delegazzjoni tal-UE f'Abu Dhabi tipprovdi kull appoġġ xieraq lil Ahmed Mansoor, inklużi żjarat fil-ħabs, monitoraġġ tal-proċess u għoti ta' assistenza legali jew kwalunkwe forma oħra ta' għajjnuna li jista' jkollu b'żonn; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar l-azzjonijiet meħuda s'issa mid-Delegazzjoni tal-UE b'appoġġ għal Ahmed Mansoor;

**Il-Ħamis 4 ta' Ottubru 2018**

12. Jistieden lis-SEAE jipproponi, u lill-Istati Membri jadottaw, miżuri mmirati min-naħa tal-UE b'rabta ma' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;
  13. Itenni l-oppożizzjoni tiegħu għall-piena tal-mewt f'kull ċirkustanza u jitlob moratorju bil-ħsieb li titneħħa darba għal dejjem;
  14. Iħeġġeġ djalogu kontinwu bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-EĠM; iqis li l-laqqhat interparlamentari regolari bejn il-Parlament u sħabu fir-reġjun tal-Golf huma forum importanti biex jiġi żviluppat djalogu konstruttiv u sinċier dwar kwistjonijiet ta' interess komuni; jenfasizza li d-diskussjonijiet interparlamentari m'għandhomx jiffukaw biss fuq kwistjonijiet ta' sigurtà u kummerċ, iżda għandhom jinkludu wkoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem bħala suġġett kruċjali;
  15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Gvern u l-Parlament tal-Emirati Għarab Magħquda, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf; jitlob li din ir-riżoluzzjoni tiġi tradotta bl-Għarbi.
-